MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1996/1999/1

**DEBONO DEVELOPMENTS LIMITED**

**vs**

**Aldo u Marcon konjuġi THEUMA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Settembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li l-imħarrkin jitqiesu responsabbli għall-umdita' li hemm f'ħanut tagħha li jmiss mad-dar tagħhom, li jiġi dikjarat li ħbula tal-inxir twaħħlu mill-imħarrkin b'mod li joħolqu perikolu, li l-imħarrkin jiġu ordnati jneħħu l-istess ħbula tal-inxir u jagħmlu kulma hu meħtieġ biex titneħħa l-umdita' fil-ħanut tagħha, u biex l-imħarrkin jiġu kundannati jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ġabu b'għamilhom lill-kumpannija attriċi;

Rat li b'Nota ta' Eċċezzjonijiet imressqa fl-4 ta' Ottubru, 1999, l-imħarrkin miżżewġin Theuma ċaħdu li huma b'xi mod jaħtu għall-ilmenti tal-kumpannija attriċi u għalhekk ma għandhom jagħmlu tajjeb għall-ebda danni li din setgħet ġarrbet. L-ilment dwar il-ħbula tal-inxir imur lura għal żmien qabel ma huma kienu kisbu d-dar tagħhom. Dwar l-azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-imħarrkin jgħidu li din waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Diċembru, 1999, li bih ħatret lill-Perit arkitett Joseph M. Jaccarini bħala perit ġudizzjarju tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi perit tekniku fis-7 ta' Novembru, 2001[1], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2002;

Rat it-tweġibiet tal-imsemmi perit tekniku mressaq jixhed in eskussjoni mill-kumpannija attriċi[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-6 ta' Jannar, 2004[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Frar, 2004[4], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u tal-kawża l-oħra fl-ismijiet maqluba[5], safejn dik tolqot il-mertu ta' din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tad-19 ta' Frar, 2004, tal-20 ta' Mejju, 2004, tas-7 ta'Ottubru, 2004, u tat-13 ta' Jannar, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġġ. 32 sa 57 tal-proċess
[2] Paġġ. 115-7 tal-proċess
[3] Paġġ. 120-3 tal-proċess
[4] Paġġ. 125-7 tal-proċess
[5] Ċitazz. Nru. 1297/97JRM

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ħsara f'post li qed jingħad li ġejja minn post li jmiss miegħu u għall-kundanna għad-danni minħabba f'tali ħsara. Il-kumpannija attriċi hija s-sid ta' ħanut fi Triq Ganu, Birkirkara, li hija tikrih lil terzi. Ma' ħajt tal-imsemmi ħanut hemm tbajja' ta' umdita', li l-kumpannija attriċi tgħid li hi ikkawżata minn post li fih jgħixu l-imħarrkin. Minbarra dan, tgħid ukoll li l-imħarrkin waħħlu ħbula għall-inxir tal-ħwejjeġ fuq il-bejt tad-dar tagħhom b'mod li qegħdin jipperikolaw is-saħħa tal-opramorta li ntrabtu magħha. Il-kumpannija attriċi qegħda titlob ukoll it-tneħħija tal-imsemmija ħbula;

Illi l-imħarrkin miżżewġin Theuma jiċħdu li huma jaħtu b'xi mod għax-xiljiet magħmulin fil-konfront tagħhom u jgħidu li l-ħbula tal-inxir ilhom imwaħħlin fil-post minn qabel ma huma daħlu jgħixu fih. Iqanqlu wkoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar it-talba għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni;

Illi mill-atti jirriżultaw il-fatti ewlenin li sejrin jissemmew. Il-kumpannija attriċi hija s-sid ta' ħanut li jġib l-isem ta' "Velmiz Photo Shop", fi Triq Ganu, Birkirkara. L-imħarrkin huma s-sidien ta' dar bl-isem ta' "Casa Margherita", fl-istess triq u bieb ma' bieb mal-imsemmi ħanut. L-imħarrkin kisbu d-dar tagħhom fl-1991, mingħand wieħed Wistin Caruana. Il-ħanut tal-kumpannija attriċi jiġi fl-istess livell tal-garaxx li l-imħarrkin għandhom taħt id-dar tagħhom. Il-ħanut ilu mikri lil terzi sa mill-1990[6]. Il-bejt tal-post tal-imħarrkin qiegħed aktar fil-baxx mill-wiċċ tal-bejt tal-ġid tal-kumpannija attriċi. Kemm il-bini tal-blokka fejn hemm il-ħanut u kif ukoll id-dar fejn jgħixu l-imħarrkin inbnew mill-istess persuna, Paul Debono, fis-snin sebgħin[7];

Illi fl-1997, l-imħarrkin fetħu kawża kontra l-kumpannija attriċi (u Paul Debono) minħabba tnixxija ta' ilma minn ħajt li jifred id-dar tagħhom minn ġid tal-istess kumpannija. Wara li kien sar wieħed mill-aċċessi f'dik il-kawża, il-

[6] Xhieda ta' Josephine Vella 25.10.2001, f'paġ. 69 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Paul Debono 21.6.2001, f'paġ. 65 tal-proċess

kumpannija attriċi ntebhet li fil-ħanut tagħha kien hemm ħajt umdu u talbet lill-imħarrkin jħallu rappreżentant tagħha jidħol fil-garaxx tad-dar tagħhom biex jagħmel il-kostatazzjonijiet meħtieġa[8]. Il-kumpannija attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrkin f'Mejju tal-1999[9], li mehmuż magħha kien hemm rapport maħruġ minn perit imqabbad minnha li jgħid li l-umdita' fil-ħanut tagħha kienet ġejja mid-dar tal-imħarrkin. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-1999;

Illi Paul Debono, għall-kumpannija attriċi, xehed li l-ilment dwar l-umdita' fil-ħanut kien sar mill-kerrej u dan sa minn żmien qabel ma kienet infetħet il-kawża li l-atturi għamlu kontra l-istess kumpannija u kontrih[10]. Min-naħa l-oħra, l-kerrejja tal-ħanut, waħda Josephine Vella, qalet li l-ħajt li jmiss mad-dar tal-imħarrkin huwa umdu. Ma' dan il-ħajt għandha vetrina li fiha tqiegħed tagħmir tal-fotografija. Hija għamlet ilqugħ bil-plastika biex ma titlax l-umdita'. Meta daħlet fil-kirja kienet għamlet il-madum tal-art ġdid. Kemm ilha fil-kirja, darbtejn daħlilha l-ilma fil-ħanut: Fid-darbtejn, l-ilma daħal mis-saqaf u nkixfet ix-xibka tas-saqaf. Qalet ukoll li hija qatt ma kellha ħsara;

Illi f'dan il-każ, il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel jintrabtu sfiq mal-kostatazzjonijiet ta' għamla teknika li tabilfors jiddominaw il-kwestjoni. In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrkin jaħtu għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta' ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[11];

Illi huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[12], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[13]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew

[8] Ittra datata 12.11.1998, Dok "PD4", f'paġ. 20 tal-proċess
[9] Dok "PD5", f'paġ. 21 tal-proċess
[10] Xhieda tiegħu 21.6.2001, f'paġ. 66 tal-proċess
[11] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[12] Art. 1031 tal-Kap 16
[13] Art. 1032(1) tal-Kap 16

b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[14]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[15];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jeħtieġ jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni[16]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-kumpannija attriċi ġarrbet il-ħsarat li minnhom tilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrkin kienu jaħtu għalihom;

Illi, madankollu, f'dan il-waqt jidher xieraq li, qabel ma tidħol fuq il-kwestjoni tar-responsabbilta' u l-eventwali ħtija, l-Qorti tqis il-kwestjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn imqanqla mill-imħarrkin. Għandu jingħad li l-istħarriġ tagħha jrid isir fid-dawl ta' żewġ fatturi. It-tnejn li huma jinbnew fuq ir-regola li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata bla ma jittieħed qies tal-istat jew il-kundizzjoni tal-persuna li lilha tmiss dik l-azzjoni[17]. Issa fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jeżistu żewġ għamliet ta' ċirkostanzi reklamati mill-kumpannija attriċi li dwarhom hija qegħda titlob il-ħlas tad-danni mingħand l-imħarrkin. L-ewwel ċirkostanza hija l-ħsara mnissla mill-umdita' fil-ħajt, liema ħsara diġa' teżisti fil-fatt. L-oħra hija l-ħsara potenzjali (fiċ-Ċitazzjoni tintuża l-frażi "hemm riskju li dan jikkawża danni futuri") li tista' ġġarrab l-opramorta li magħha tqabbdu l-grampuni li magħhom intrabtu l-ħbula tal-inxir. L-imħarrkin isejsu l-eċċezzjoni tagħhom tal-preskrizzjoni fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

---

[14] Art. 1033 tal-Kap 16
[15] Art. 1029 tal-Kap 16
[16] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***
[17] Art. 2137 tal-Kap 16

Illi ġie stabilit li l-preskrizzjoni maħsuba taħt l-artikolu 2153 tibda tgħaddi minn meta sseħħ il-ħsara bl-għamil kolpuż u mhux minn meta l-parti li ġarrbet il-ħsara tkun intebhet biha, u dan għaliex huwa minn dak inhar li tkun seħħet il-ħsara li l-azzjoni setgħet u messha tinbeda[18]. Min-naħa l-oħra, billi ma tistax tinbeda kawża biex fiha jintalab kumpens għal ħsarat li għadhom ma sarux, l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm, fil-fatt, il-ħsara tibqa' ma tiġrix[19]. Issa, dwar ħsarat maħluqa minn perkolazzjoni jew tnixxija ta' ilma, il-Qrati tagħna jidher li ħadu l-linja li peress li mhux ħaġa ħafifa li wieħed jgħid eżatt meta seħħ id-dannu, għalhekk f'każ ta' kwestjoni ta' preskrizzjoni marbuta ma' każ bħal dan għandha tiġi favorita l-persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv, u dan ukoll bl-applikazzjoni tal-prinċipju li *contra non valentem agere non currit prescriptio*[20];

Illi fil-każ preżenti, Paul Debono, għall-kumpannija attriċi xehed li hu kien ilu li ntebah bl-umdita' mal-ħajt tal-ħanut sa minn żmien qabel mal-imħarrkin kienu fetħu l-kawża tagħhom kontra l-kumpannija tiegħu u kontrih. Ma semmiex kemm kien dan iż-żmien. Dik il-kawża kienet infetħet f'Ġunju tal-1997. Din il-kawża nfetħet f'Settembru tal-1999, iżda f'Mejju tal-1999, il-kumpannija attriċi kienet bagħtet ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin dwar id-danni minħabba l-umdita'. Minn dawn il-fatti u b'applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, ma jistax jingħad li ntwera b'mod assolut li fil-fatt, bejn meta ħarġet l-umdita' fil-ħajt tal-ħanut sa ma nbdew il-proċeduri, laħaq għadda ż-żmien ta' sentejn invokat mill-imħarrkin fl-eċċezzjoni tagħhom. Dwar l-azzjoni attriċi in kwantu timmira għad-danni futuri dwar il-ħbula tal-inxir, ma jistax jingħad li għadu beda għaddej iż-żmien preskrittiv;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tintlaqa' fl-ebda waħda miż-żewġ ċirkostanzi li jikkostitwixxu l-azzjoni attriċi;

[18] App. Ċiv. **28.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cordina vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLI.i.440**)
[19] App. Ċiv. **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogħlijiet***
[20] App. Ċiv. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Francis Cassar et noe et***

Illi minn dan jinstilet ukoll li, safejn l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-biżgħa li ’l quddiem tista’ ssir ħsara fl-opramorta minħabba l-mod kif tqabbdu l-ħbula tal-inxir bil-grampuni fl-ogħla filata tal-istess opramorta, il-Qorti ssib li tali azzjoni tressqet qabel waqtha (u hija għalhekk intempestiva) billi mhux mogħti jedd ta’ azzjoni għal danni li ma jkunux għadhom iġġarrbu;

Illi minħabba f’hekk, it-tieni talba attriċi m’hijiex mistħoqqa fid-dritt u m’hijiex sejra tintlaqa’;

Illi għar-rigward tal-kawża tal-umdita’ mal-ħajt, il-perit tekniku wasal għall-fehma li l-kawża ta’ din l-umdita’ toħroġ mill-fatt li ma jeżistix saff mimdud ta’ qatran fl-imsemmi ħajt. Din il-fehma wasal għaliha minn aċċertament tekniku (“*level survey*”) li wettaq fuq iż-żewġ naħat tal-ħajt (jiġifieri, kemm minn ġol-ħanut innifsu u kif ukoll minn ġol-garaxx tal-imħarrkin). Minħabba wkoll li nstabu traċċi ta’ kisja wieqfa ta’ qatran sa ċertu għoli fil-ħajt min-naħa tal-ħanut, il-perit tekniku wasal ukoll għall-fehma li dan jixhed li, fuq in-naħa tal-ħajt fil-garaxx tal-imħarrkin, ma kienx hemm kisja bħalha fuq in-naħa l-oħra. Dwar il-qasrija/ħawt bil-ħamrija li hemm biswit id-daħla tal-garaxx tal-imħarrkin u sewwasew mal-parti ta’ quddiem tal-ħajt tal-ħanut, il-perit tekniku wera l-fehma li dik il-ħamrija x’aktarx li tikkontribwixxi għall-umdita’ li tidher fil-ħanut;

Illi minħabba li jirriżulta li kemm il-bini tal-ħanut (u tal-beni li hemm fuqu) u kif ukoll tad-dar fejn jgħixu l-imħarrkin saru mill-kumpannija attriċi nnifisha, il-perit tekniku wasal għall-fehma li l-ħtija kollha tal-umdita’ li tidher fil-garaxx hija biss tal-istess kumpannija. Huwa jgħid li dan kollu seħħ minħabba nuqqas ta’ tħaris tar-regoli tas-sengħa tal-bini li wettqet il-kumpannija. Minħabba f’hekk, huwa jqis li l-imħarrkin ma jaħtu xejn għall-ħsara li tilminta minnha l-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi għażlet li tressaq lill-perit in eskussjoni bil-ħsieb li tgħarbel xi wħud mill-konklużjonijiet tiegħu. Iżda huwa żamm sħiħa l-fehma tiegħu li hija l-kumpannija attriċi li ġabet b’idejha l-qagħda li tinsab fiha llum. Il-Qorti żżomm ukoll quddiem għajnejha li, f’sentenza oħra li qegħda tagħti llum stess fil-kawża

mibdija mill-imħarrkin kontra l-kumpannija attriċi, irriżulta li xogħol ħażin magħmul mill-kumpannija attriċi fis-sistema tal-katusi tad-drenaġġ tal-ilma qiegħed jikkawża ħsara kbira kemm lid-dar tal-imħarrkin u kif ukoll il uħud mill-ambjenti tal-ġid tagħha stess, li jiġi fuq il-ħanut mertu ta'din il-kawża;

Illi l-kumpannija attriċi, min-naħa tagħha, tixħet biċċa sewwa mill-argument tagħha fuq il-ħawt (jew reċint) bil-ħamrija fih bħala l-kawża waħdanija tal-umdita' li ħarġet fil-ħajt tal-ħanut. Huwa minnu li l-perit tekniku għaraf li l-ħamrija f'dak il-ħawt tista' qegħda twassal għall-umdita' f'biċċa mil-ħajt, imma hija ħaġa ċerta li ma jistax ikun li l-umdita' kollha li ħarġet fil-ħajt tal-ħanut u li hija murija fir-ritratti esebiti hija ikkawżata minn dik il-ħamrija. Wara kollox, il-ħawt jinsab barra l-bieb tal-garaxx tal-imħarrkin u, meta fil-bidu, l-kumpannija attriċi intebħet bl-umdita' fil-ħajt, riedet taċċedi ġewwa l-garaxx tal-imħarrkin għaliex it-tbajja' kienu 'l ġewwa u mhux fuq barra tal-ħanut;

Illi, mbagħad hemm il-kwestjoni ta' min kien li bena dak ir-reċint u mlih bil-ħamrija. Il-kumpannija attriċi tiċħad li kienet hi li għamlitu. L-imħarrkin jisħqu li huma sabuh hemm meta xtraw id-dar. Huwa fatt li, fi djar oħrajn mibnija mill-kumpannija attriċi nnifisha fl-istess triq, hemm reċinti jew ħwat oħrajn li jixbhu dak li hemm fejn il-garaxx tal-imħarrkin. Huwa fatt ukoll li l-imħarrkin ma kisbux id-dar tagħhom mingħand il-kumpannija attriċi imma mingħand aventi kawża tagħha. Hemm konflitt mhux traskurabbli dwar min għamel dak il-ħawt, u l-Qorti ma tistax toqgħod fuq konġetturi;

Illi, wara li qieset b'reqqa l-fatti riżultanti l-aktar rilevanti, il-Qorti tasal għall-fehma li fis-sewwa it-tweġiba dwar min kien li bena dak il-ħawt m'hijiex daqstant kruċjali. Dan jingħad għaliex, jekk jirriżulta li parti mill-ħsara qegħda ssir minħabba l-ħamrija u dak il-ħawt jinsab fil-proprjeta' tal-imħarrkin, huma l-imħarrkin li jridu jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex iwaqqfu kull possibilita' li ssir aktar ħsara fil-ħajt diviżorju. Il-fatt li sata' kien ħaddieħor li għamel dak il-ħawt u/jew radam dik il-ħamrija, ma jgħinx lill-imħarrkin biex jinqalgħu mir-responsabbilta' li huma għandhom li ma

jħallux li ssir aktar ħsara fil-ħanut tal-kumpannija attriċi[21]. L-imħarrkin kienu jistgħu jirreżistu l-pretensjoni attriċi kieku kienu f'qagħda li huma jippruvaw li kienet l-istess kumpannija attriċi li kienet bniet dak il-ħawt: Imma din il-prova l-imħarrkin ma kinux f'qagħda li jagħmluha, għaliex, meta daħlu fil-post tagħhom, ir-reċint kien diġa' jinsab hemm u ma jafux jekk kinitx il-kumpannija attriċi jew l-awtur tagħhom li għamel il-ħawt;

Illi meta l-perit tekniku fisser x'għandu jsir biex il-ħamrija ta' ġo r-reċint ma tibqax tagħmel ħsara lill-ħajt diviżorju, huwa semma li għandha titqiegħed "*membrane*" bejn il-ħamrija u l-ħajt. Huwa qies tali spiża fis-somma ta' madwar ħamsin lira Maltija (Lm 50). Il-Qorti, għall-kuntrarju ta' dak suġġerit mill-perit tekniku u għar-raġunijiet li għadhom kemm issemmew, issib li din in-nefqa għandha ssir mill-imħarrkin;

Illi, mill-bqija, kull ħsara oħra li l-kumpannija attriċi setgħet ġarrbet, għandha tagħmel tajjeb għalih hi u għalhekk ma jidhirx illi huwa l-każ li ssir likwidazzjoni għall-finijiet tas-sitt u tas-seba' talbiet attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrkin u tiddikjara li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx bil-preskrizzjoni tas-sentejn, u jirriżulta li saret fiż-żmien utli;

**Tilqa' f'biċċa minnha biss l-ewwel talba attriċi**, u dan safejn jirriżulta li l-umdita' fil-ħajt tal-ħanut tal-kumpannija attriċi qegħda tiġi kawżata mill-ħamrija fir-reċint li jinsab quddiem il-bieb tal-garaxx tal-imħarrkin, **imma tiċħad il-bqija tal-ewwel talba** għaliex mhix mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt billi l-ħsara taħti għaliha l-kumpannija attriċi nnifisha;

**Tiċħad it-tieni talba għaliex intempestiva** billi ma jirriżulta li għadha seħħet l-ebda ħsara lill-ġid tal-

[21] Ara, per eżempju, P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bonniċi vs John Mizzi et***

kumpannija attriċi minħabba l-ħbula tal-inxir fuq il-bejt tad-dar tal-imħarrkin;

**Tilqa' f'biċċa minnha t-tielet talba attriċi** billi tordna lill-imħarrkin li, bi spejjeż tagħhom, jagħmlu x-xogħol meħtieġ u kif propost fir-relazzjoni peritali, bejn l-imsemmi reċint u l-ħajt tal-ħanut fi żmien tliet (3) xhur kalendarji millum, **imma tiċħad il-bqija tat-tielet talba**;

**Tilqa' r-raba' talba** fil-limiti ta' dak li jingħad fir-rigward tat-tielet talba biss, u għal dan il-għan qegħda taħtar lill-perit arkitett Joseph M. Jaccarini biex taħt is-sorveljanza tiegħu jsir ix-xogħol meħtieġ mill-kumpannija attriċi u bi spejjeż tal-imħarrkin, jekk kemm-il darba l-imħarrkin jonqsu li jagħmlu x-xogħol lilhom ordnat fiż-żmien;

**Tiċħad il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi** billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kwantu għal erba' minn ħames partijiet ($^4/_5$) mill-kumpannija attriċi u kwantu għal parti minn ħamsa ($^1/_5$) jitħallsu mill-imħarrkin, li għandhom iħallsu wkoll kull dritt jew spejjeż dovuti lill-perit tekniku biex iwettaq is-sorveljanza tax-xogħol imsemmi fit-tielet talba.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------